**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 19 ta' Gunju 2024**

Rikors Numru: 213/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 370/2011)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-16 t'April, 2011 fis-Santwarju tal-Qalb Mqaddsa ta' Ġesu', Ħaż-Żebbuġ, Malta u minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom tlett ulied bl-ismijiet D B, E B u F B, mwielda nhar il-05 t'Awwissu, 2009, fis-06 ta' Mejju, 2012 u fid-09 ta' Novembru,

2020 rispettivament; (ara certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati Dok A, B u Ć rispettivament);

2. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' att pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli, nhar is-26 t' April, 2021 (ara kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok D);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi issa ilhom diversi snin jgħixu ħajja independentement minn xulxin;

4. Illi l-partijiet ma jivversaw l-ebda manteniment fil-konfront ta' xulxin;

5. Illi l-partijiet m' ghandhom l-ebda propjeta' in komuni;

6. Illi noltre' l-manteniment fil-konfront tal-minuri dejjem ġie mħallas puntwalment;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtiega ghall- ksib ta' divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi l-esponenti tixtieq illi tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe' G B.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

IIIII-esponent jikkonferma illi l-partijiet izzewwgu nhar is-sittax ta' April tas-sena elfejn u hdax (16/04/2011) u kellhom thet ulied bl-ismiet ta D, E u F illi ghadhom ilkoll minorenni,

2 Illi l-esponent jikkonferma illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli datat sitta u ghoxrin ta' April tas-sena elfejn wiehed u ghoxrın (26/04/2021),

3 Illi munbarra li ilhom iktar minn thet (3) snin separati legalment, l-esponent jikkonferma li huwa minnu illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikoncıljazzjoni bejn il-partijiet,

4 Il 1-esponent jikkonferma ıllı huwa munnu illi l-manteniment tal-minuri dejjem gie imhallas puntwalment u li m'hemmx arretratı ta' manteniment bejn il-partijiet stante illi huma ddekadew mid-dritt ta' manterament fil-konfront ta' xulxin.

5 Illi l-esponent m ghandux oggezzjoni illi dan iz-zwieg tieghu mar-rikorrenti jigi xolt, pero jinghad illi l-esponent m huwiex lest ilh jhallas ghall-ispejjez tieghu u ghaldaqstant qieghed joggezzjona ghall-hias tal-spejjez abbinatı ma' din il-kawza,

6 Illi dan kollu huwa kkonfermat permezz ta affidavit tar-rikorrent ıllı qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok "CSI"

7. Ili ghal kull buon finı jinghad illi l-esponen ma setghax jipprezenta din ir-risposta qabel, stante l-fatt illi l-avukata sottofirmata kien imstefra ghal kwazı Mejju kollu.

Salv dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta’ Mejju 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta' April 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll li r-rikorrenti talbet sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` G, il-Qorti tilqa' t-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku. Il-Qorti qegħda wkoll tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti kollha meħtieġa sabiex ir-rikorrenti tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe` "G".

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.